MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**MICALLEF JOSEPH R.**

Seduta ta' 17 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1829/2000/1

**Nikol BORĠ**

**vs**

**SEGRETARJU PERMANENTI FL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-7 ta' Settembru, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-attur kien impjegat fis-servizz Ċivili u kellu l-kariga ta' Principal Officer meta irtira bil-pensjoni fit-13 ta' Diċembru 1999;

Illi waqt l-impjieg tiegħu bħala Principal Officer huwa kien intitolat għal increments pero' ma sabx l-appogg tal-kap tiegħu u għalhekk l-attur irrikorra għand l- Ombudsman bil-konsegwnenza illi hu ġie trsferit f'Dipartiment ieħor;

lli sussegwentement fid-Dipartiment l-ieħor u ċioe' l-Permanent Law Reform Commission huwa ġie dikjarat illi kien qed jagħmel xogħol sodisfaċenti u għalhekk dik l-iskala li kien tilef fid-Dipartiment ta' qabel kienet mogħtija lilu;

Illi sakemm sar dan, laħaq għadda perjodu konsiderevoli, pero' huwa ma ingħatax l-iskala b'effett retroattiv;

Illi l-esponenti għandu dritti illi jadixxi din il-Qorti dwar it-trattament li irċieva;

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-attur kien intitolat illi jidħol fl-iskala sebgħa tas-servizz ċivili b'effett retroattiv u ċioe' minn meta kien intitolat għaliha u dana għar-raġunijiet premessi;

B'riserva għal kull azzjoni oħra kompetenti;

Il-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur;

Rat in-Nota mressqa fil-31 t'Ottubru, 2000, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, in kwantu hija azzjoni ta' stħarriġ, ġudizzjarju ta' atti amministrattivi, il-kawża hija perenta bid-dekorriment tat-terminu ta' sitt xhur ai termini tal-artiklu 469A(3) tal-Kap 12;

2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni hija irritwali stante li l-liġi pprovdiet rimedju speċifiku għall-anjanzi tat-tip ta' dik vantata mill-attur u dan permezz tal-Att VIII tal-1997. Illi l-attur fil-fatt użufruwixxa minn dan ir-rimedju b'eżitu negattiv għalih u għalhekk, anke fit-termini tal-artiklu

469A(4) tal-Kap 12 huwa ma jistax javanza l-azzjoni preżenti;

3. Subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu qiegħda titlob lill-Qorti tesprimi ruħha dwar l-idonejita' tal-attur biex jieħu ħatra fis-servizz pubbliku, l-azzjoni tmur kontra dak li jistipulaw l-artikli 110 u 115 tal-Kostituzzjoni peress illi, in kwantu għall-artiklu 110 hija l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li għandha l-inkariġu kostituzzjonali li tagħmel tali ħatriet, u in kwantu għall-artiklu 115, l-operat tal-istess Kummissjoni ma jistax ikun diskuss fi proċeduri ġudizzjarji;

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ai termini tal-artiklu 469A(5) tal-Kap 12, l-ewwel irid jiġi ppruvat mill-attur li l-uffiċjal responsabbli mill-promozzjoni tal-attur aġixxa lil hinn mid-diskrezzjoni li kellu u li kien iġorr a bażi tax-xogħol afdat lilu. Hu biss f'dak l-istadju li tista' tiġi kkunsidrata azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva;

5. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rifjut ta' rakkomandazzjoni biex l- attur ikun promoss kienet ġustifikata, u n-nuqqas tal-promozzjoni kien skond ir-regoli ta' organizzazzjoni stabbiliti għas-servizz pubbliku (li għandhom forza ta' liġi skond l-artiklu 469A(6), u għalhekk it-talbiet tal-attur m'humiex ġustifikati u għandhom jiġu miċħuda;

Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat id-Degriet tagħha tal-21 ta' Novembru, 2000, li bih tat lill-partijiet il-fakulta' li jressqu Noti tal-Osservazzjonijiet dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-imħarrek;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fl-20 ta' Frar, 2001[1], b'erba' (4) dokumenti mehmużin magħha, dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet;

Rat in-Nota ta' Tweġiba għalihom imressqa mill-attur fil-5 ta' Marzu, 2001[2];

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-11 ta' Diċembru, 2001, tas-7 ta' Marzu, 2002, u tat-30 ta' Mejju, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-imħarrek;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hi azzjoni li biha l-attur qiegħed jitlob li jiġi dikjarat li kien jistħoqqlu jitqiegħed fi skala ogħla minn dik li kien uffiċjalment iħaddan għal xi żmien waqt l-impieg tiegħu mal-Gvern. Huwa jfisser li għalkemm kien jistħoqqlu jkun fi Skala Sebgħa, inżamm għal żmien u bla raġuni tajba fi Skala Tmienja. Wara li ntbagħat jaħdem f'dipartiment ieħor, ingħata l-promozzjoni għal Skala Sebgħa, imma mhux b'effett retroattiv. Hu qiegħed jgħid li l-promozzjoni messha ngħatatlu b'effett retroattiv minn dak inhar li kien intitolat għaliha fil-bidunett;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi ressaq eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari, fosthom lż-żewġ eċċezzjonijiet taħt eżami. Huwa qiegħed jgħid li l-attur ma ressaqx f'waqtha l-azzjoni tiegħu, u wkoll li l-azzjoni ma tistax issir għaliex l-attur kellu rimedju ieħor x'jieħu, u li fil-fatt irrikorra għalih, imma ma kellux ir-riżultat li jrid;

[1] Pa[[. 26-7 tal-pro`ess
[2] Pa[. 34 tal-pro`ess

Illi din is-sentenza sejra tqis l-imsemmija eċċezzjonijiet, li huma t-tnejn mibnija fuq dak li jipprovdu l-artikolu 469A(3) u 469A(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi, mill-provi li tressqu, jirriżulta li l-attur kien uffiċjal pubbliku sa mill-1958. F'Novembru tal-1993, kien sar ftehim ta' riorganiżżazzjoni fis-Servizz Ċivili u għalkemm l-attur ippretenda li kellu jingħata għarfien fi Skala Sebgħa, ingħata fil-fatt għarfien fl-iskala li kien jokkupa qabel il-ftehim (jiġifieri Skala Disgħa). L-attur kien ressaq ilment quddiem it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji, li ċaħad it-talba tiegħu b'sentenza tal-25 ta' Novembru, 1998[3]. Fl-1999 l-attur irtira mis-servizz minħabba l-eta'. Fis-7 ta' Settembru, 2000, fetaħ din il-kawża;

Illi dwar l-ewwel eċċezzjoni, l-imħarrek jgħid billi l-azzjoni tal-attur hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrattiv, tabilfors irid japplika dak li jipprovdi l-artikolu 469A tal-Kap 12. Iżid jgħid li l-imsemmi artikolu, li jagħti ġurisdizzjoni partikolari lill-Qrati ċivili li jiflu għamil ta' awtorita' pubblika, jipprovdi li kull azzjoni għandha tinbeda fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' sar jaf b'għamil amministrattiv meħud dwaru[4]. Dan it-terminu japplika f'kull każ ta' stħarriġ ġudizzjarju, għajr fil-każijiet fejn l-għamil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni, f'liema każ ma jidhirx li dak it-terminu ta' sitt xhur japplika. L-imħarrek jgħid li deċiżjoni dwar persuna għar-rigward ta' jekk għandhiex tingħata promozzjoni jew titjib fl-iskala li hija tgawdi fis-servizz tagħha mal-Gvern tikkwalifika bħala għamil amministrativ li ma jsirx bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'. Hu jikkonkludi għalhekk li billi d-deċiżjonijiet li ttieħdu dwar l-attur kienu magħrufa minnu ħafna qabel sitt xhur minn meta fetaħ din il-kawża, jiġi li huwa tilef il-jedd li jitlob lildin il-Qorti tistħareġ l-ilment tiegħu;

Illi għal dawn is-sottomissjonijiet, l-attur wieġeb billi qal lakonikament li l-artikolu 469A ma japplikax għall-każ tiegħu u li billi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew

---

[3] Dok "A", f'pa[[.11 sa 21 tal-pro`ess
[4] Art 469A(3) tal-Kap 12

amministrazzjoni interna fi ħdan awtorita' pubblika ma tistax titqies bħala għamil amministrattiv, it-talba magħmula minnu ma tistax tinkwadra ruħha fil-limitazzjonijiet imposti mill imsemmi artikolu;

Illi filwaqt li huwa minnu li t-tifsira tal-frażi "għamil amministrattiv" teskludi ħaġa magħmula b'għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna ta' xi awtorita', ma tfissirx eżatt x'jaqa' taħt il-kliem "organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna". Madankollu, minn dak li wieħed jista' jara, il-partijiet ħadu atteġġament għal kollox kontrastanti dwar dan. L-imħarrek jgħid li t-talba tal-attur hija waħda li tolqot għamil amministrattiv li jaqa' fil-parametri tal-artikolu 469A(2), filwaqt li l-attur jeskludi li dan jista' jkun;

Illi, min-naħa l-oħra, tinħoloq diffikulta' oħra b'konklużjoni bħal din meħuda mill-attur, fis-sens li jekk l-għamil jew nuqqas ta' deċiżjoni favorevoli għalih invokati minnu fl-azzjoni tiegħu m'humiex "għamil amministrattiv" għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kap 12, allura bis-saħħa ta' liema dispożizzjoni tal-liġi qiegħed jersaq lejn din il-Qorti għar-rimedju li jippretendi, ladarba hu l-artikolu 469A li jagħti ġurisdizzjoni limitata u speċjali lill-Qrati ċivili biex jistħarrġu l-għamil tal-awtorita' pubblika? Dan jingħad fid-dawl tat-tifsir li sar mill-Qrati tagħna dwar l-għan u l-parametri tal-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju[5], u b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda r-rabta ta' mpieg tal-uffiċjal pubbliku[6];

Illi, wara li ħasbet fit-tul dwar dan l-aspett, il-Qorti hija tal-fehma li l-kwestjoni sollevata mill-attur hija rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika għall-finijiet li jmorru lil hinn minn organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna, għaliex jirrigwardaw aspetti finanzjari jew retributtivi li l-attur, wara kollox, qiegħed jimmira li jikseb jekk jingħata għarfien retrospettiv għall-Iskala li jippretendi li ma ngħatatlux f'waqtha;

---

[5] Ara App. ~iv. **5.10.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Vassallo vs Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.348**)

[6] Ara App. ~iv. **5.10.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Magri vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.751**) u App. ~iv. **9.2.2001** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Helen Bor[ et vs Il-Prim Ministru et*** (mhix pubblikata)

Illi issa l-Qorti tista’ tgħaddi biex tqis jekk l-eċċezzjoni taħt eżami hijiex mistħoqqa. Din l-eċċezzjoni tinbena fuq l-għamla ta’ azzjoni mibdija mill-attur li, kif ingħad, hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju ta’ għamil amministrattiv;

Illi mill-provi li joħorġu fl-atti tal-proċess s’issa jirriżulta li l-attur spiċċa mill-impieg fl-1999 u l-kawża fetaħha fis-7 ta’ Settembru, 2000. Qabel ma nfetħet il-kawża, hu jgħid li kien beda proċeduri quddiem l-Ombudsman, quddiem il-Kummissjoni għall-Investigazzjoni tal-Inġustizzji u wkoll quddiem it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta’ Inġustizzji, imma b’riżultat li kien kontra t-talba tiegħu. Huwa evidenti li, sa ma spiċċa mix-xogħol u rtira, ir-rimedju li kien qiegħed jippretendi baqa’ ma ngħatalux: ir-rimedju kien dak li jingħata għarfien retroattiv għall-Iskala li kien iħaddan fil-waqt li rtira mix-xogħol;

Illi huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta’ sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta’ dekadenza[1]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jseħħ fil-każ ta’ terminu ta’ preskrizzjoni. Fuq kollox, fil-kliem innifsu tal-liġi, dak iż-żmien ta’ sitt xhur japplika għal dawk il-każijiet ta’ stħarriġ ġudizzjarju li jirreferu għal egħmil amministrattiv li jkun *ultra vires*: ma japplikax fil-każ ta’ stħarriġ ta’ egħmil amministrattiv li jingħad li jikser il-Kostituzzjoni;

Illi, m’hemmx dubju li miż-żewġ fatti fuq imsemmija, l-attur kien jaf bid-deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħu dwar l-iskala li fiha kien meqjus li temm l-impieg tiegħu sa minn tal-anqas sena qabel ma fetaħ il-kawża tal-lum: jirriżulta wkoll li din id-deċiżjoni kien ikkontestaha ukoll, għalkemm ma ħallitlux ir-riżultat li xtaq. Minbarra dan, meta ntemm l-impieg tiegħu, fl-1999, l-artikolu 469A kien diġa’ daħal fis-seħħ u kien għalhekk disponibbli għalih jekk xtaq rimedju u kien diġa’ stabbilit iż-żmien li llum l-imħarrek qiegħed iressaqlu bħala eċċezzjoni;

Illi, fid-dawl ta’ dan kollu, il-Qorti ssib li ż-żmien li l-attur kellu biex jitlob stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni amministrattiva dwar l-iskala xierqa tal-impieg tiegħu

laħaq għalaq żmien qabel ma fetaħ il-kawża, u għalhekk issib li din it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek hija mistħoqqa;

Illi għalhekk m'huwiex il-każ li tiġI mistħarrġa wkoll l-eċċezzjoni preliminari l-oħra dwar ir-ritwalita' tal-azzjoni attriċi, għaliex dan ikun eżerċizzju bla bżonn u sempliċement akkademiku, fiċ-ċirkostanzi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-ikmħarrek, u tiddikjara li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni tiegħu fiż-żmien utli mogħti lilu mil-liġi;

**Tastjeni milli tqis it-tieni eċċezzjoni**; u

**Teħles lill-imħarrek** milli jibqa' aktar fil-kawża, bl-**ispejjeż** kontra l-attur.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**17 t'Ottubru, 2002**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**17 t'Ottubru, 2002**